

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**ta' l-20 ta' Diċembru 2007****li taħtar membru Litwan u membru supplenti Litwan tal-Kumitat tar-Reġjuni****(2008/43/KE)**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Litwan,

Billi:

- (1) Fl-24 ta' Jannar 2006, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2006/116/KE li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2006 sal-25 ta' Jannar 2010 ⁽¹⁾.
- (2) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur Gediminas PAVIRŽIS, sar vakanti siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni. Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Edmundas ČESNA, sar vakanti siġġu ta' membru supplenti,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2010:

(a) bħala membru:

Is-Sur Gediminas PAVIRŽIS, member of the council of Vilnius district municipality (bidla fil-mandat).

u

(b) bħala membru supplenti:

Is-Sur Andrius KUPČINSKAS, Mayor of Kaunas city municipality.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussell, 20 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kunsill**Il-President*

F. NUNES CORREIA

⁽¹⁾ ĠU L 56, 25.2.2006, p. 75.